IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | SETTEMBRU 1944

# ESTOTE PARATI

JEKK il-Malti l-lum laħaq fil-ġieħ li fih jinsab, fil-ġieħ ta' dawk l-ilsna l-oħra ta' nazzjonijiet ċivilizzati, nistgħu ngħidu li kienu l-ħeġġa u x-xogħol tal-"Għaqda" li refgħuh mill-għajb li fih kien jinsab qabel u l-lum wassluh f'tarf ta' triq għal fuq il-quċċata ta' ġieħ wisq akbar, sew bħala lsien uffiċjali, kemm bħala lsien letterarju. Din il-biċċa xogħol ilha li nbdiet mal-ħamsa u għoxrin sena, iżda hija biċċa xogħol li fiha tgħaqqad l-istorja tax-xogħlijiet kollha bl-iskopijiet, tħabrik u ħidma għalenija ta' kittieba u Xirkiet letterarji tal-Malti minn żmien Vassalli, biex ma ngħidux ukoll minn żmien De Soldanis, 'l hawn. Fix-xogħol tal-"Għaqda" hemm is-sisien li fuqhom tiela' l-bini kollu tal-Kitba Maltija u li fih jidher il-qawwa u l-ġmiel tal-ġenju Malti fil-ġenerazzjoni żagħżugħa tal-lum.

Iżda nistgħu ngħidu li aħna issa mexjin fuq art soda, li minn waqt għal ieħor saqajna ma jirfsux fuq biċċa art qarrieqa li titfagħna ġewwa xi dagħbien, għalkemm it-triq tidher watja u sħiħa? Għad illi sakemm laħaqna f'tarf ta' triq li minnha telgħin għal fuq il-għolja tal-Lsien Malti aħna għalibna x-xkiel ta' bosta ħotob u ħofor u ħdum li fihom kemm-il darba konna sa naqgħu u nintradmu, u l-Lsien Malti f'daqqa waħda sab ruħu mqiegħed ma' ġenb il-għamara ta' ilsna wisq ixjeħ minnu bħala ilsna skolastiċi u akkademiċi, aħna ma għandniex nitqarrqu b'din il-qagħda sabiħa tal-Malti, għaliex jekk iktarx iċ-ċirkostanzi politiċi setgħu fetħu t-triq lill-Malti biex jitwettaq fil-qagħda tiegħu tal-lum, bit-tama li jibqa' jgħix għal dejjem, ċirkostanzi oħra jistgħu dlonk jinbtu—u kif jidher qegħdin bil-ħajra li jinbtu—bil-ħsieb li jwarrbu l-Malti mill-qagħda sabiħa li fiha jinsab, billi jibdew inaqqsulu xi jedd mill-iċken skejjel u jispiċċaw biex bil-ftit il-ftit, bi tberrin u b'nases burokratiċi, ileqtuh il barra mill-bibien ta' l-Iskejjel Sekondarji u Universitarji.

Aħna nittamaw li dana ma jiġrix, iżda biex ma jiġrix jiħtieġ nifthu għajnejna u nżommu ruħna fil-waqt.

Il-ħsieb tal-"Għaqda" meta din inħolqot ma kien qatt li għandha tibni xi saltna kbira fid-dinja letterarja, li l-Lsien Malti jidħol fl-iskejjel bil-ħsieb li jwarrab ilsna oħra ixjeħ minnu bħala materja ta' studju, b'letteratura wisq akbar u sħiħa minn tiegħu,

*biex jogħod flokhom. Il-ħsieb tagħha kien dak li tressaq il-kittieba tagħha taħt saqaf wieħed u f'idejhom tagħtihom il-pinna ta' "ortografija waħda", mibnija fuq prinċipji grammatikali, u, kemm jista' jkun, xjentifiċi. Kienet il-ħeġġa, il-leħħa u l-fidi qawwija tal-kittieba tal-"Għaqda" li mill-banda l-oħra għenu lill-Gvern biex iwettaq b'metodi tajba u sħaħ il-ħsieb tiegħu. Il-Gvern b'hekk intrabat mal-"Għaqda" li għandu fl-użu u fit-tagħlim tal-Malti jimxi fuq is-sistema tal-kitba grammatikali tal-"Għaqda", u għalhekk ukoll fil-programmi skolastiċi jimxi fuq ir-radda tal-ħaddiema tiegħu fil-għaqda tal-kitba tal-Malti.*

*L-ewwel kmandament tat-tagħlim Malti skond is-sistema tal-"Għaqda" u tas-sengħa f'l-kitba Maltija mibnija fuq prinċipji morfoloġiċi huwa t-tagħlim tal-grammatika Maltija. Jekk f'ilsna oħra inti tista' taqta' barra t-tagħlim ta' grammatiki, l-iktar f'ilsna ta' fergħa romanza, dan ma jistax isir fil-Malti bla ħsara kbira tal-Ilsien bħala Ilsien skolastiku u letterarju, u jinħtieġ li min għandu t-tmun tad-dgħajsa ta' l-Edukazzjoni f'Malta dan jifhmu tajjeb.*

*Nixtiequ, għalhekk, illi dawk kollha li għandhom sehem fis-sillabi skolastiċi ma jgħalltux il-ħsieb ewlieni tal-Gvern fuq it-tagħlim tal-Malti. Sew is-Surmastrijiet ta' l-iċken, kemm ta' l-ogħla skejjel, kemm dawk kollha li llum jagħmlu sehem mill-Kumitat ta' l-Edukazzjoni, jinħtieġ li, qabel ma jaqtgħuha, iqisu u jiżnu sewwa u jieħdu l-parir ta' min jifhem.*

*Il-grammatika fil-Malti hija s-sisien tat-tagħlim letterarju u xjentifiku tal-Malti, u barra minn dan, għandu jiftaħ u jwetti t-triq għall-istudju filoloġiku tal-Ilsien Malti fl-Università. Huwa prinċipju falz li tneħħi l-grammatika biex tħaffef it-tagħlim tal-Ilsien. Dan jista' forsi jsir b'mod prattiku biex wieħed jitgħallem jitkellem xi Ilsien, iżda le biex jiktbu skond ma jixraq. Min jaħseb li tista' tintgħallem il-kitba Maltija bla grammatika ma jixraqlux l-isem ta' surmast, ta' mexxej tat-Tagħlim, ta' Membru f'Kumitat ta' l-Edukazzjoni. Aħna madankollu ma rridux naħsbu illi l-ħsieb ta' min qiegħed isefsef u jsewwes biex titneħħa l-grammatika mis-sillabi skolastiċi, l-iktar fl-iskejjel elementari, huwa li jbaxxi l-prestiġju biex bil-mod il-mod il-Malti tinqeridlu ħajtu mill-iskejjel. Hu xinhu l-ħsieb ta' nies bħal dawn li għandhom xi "leħen" fit-tmexxija ta' l-Edukazzjoni f'Malta, nitolbu lill-Gvern li flok ma jagħtihom widen, iżommilhom idejhom u ma jħallihomx jagħmlu għajb lill-karika tagħhom u jgiddbu l-politika tiegħu fit-tagħlim tal-Malti.*

A. Cremona